FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Ottubru, 2001

**Numru 9**

**Avviz. numru 446/01JR**

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance plc, gia Guardian Royal Exchange plc, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' l-assikurat taghhom Paul Quinton u l-istess Paul Quinton f'ismu proprju.**

**vs**

**Vincent Degiorgio**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Lulju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija tnejn u sebghin lira Maltija (Lm172.00), danni mhallsa mill-attur nominee fuq vettura TFC-116 assikurata "comprehensive" u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Paul Quinton u dan b'rizultat ta'**

**habta li grat fit-22 ta' Lulju, 2000, go Bugibba, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura IBE-432 habat mal-vettura TFC-116 ta' Paul Quinton u misjuqa minn Theresa Ann Quinton u ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali tal-31 ta' Jannar, 2001, u tad-29 ta' Marzu, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali tal-lum kontra GasanMamo Insurance Agency Limited assiguraturi tal-konvenut, u bl-imghax tat-8% fuq mija tnejn u sebghin lira Maltija (Lm172.00) mill-31 ta' Jannar, 2001, sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni, inkluz ghaxar liri (Lm10.00) konsult, liema ittra ufficjali prezentata ma' l-avviz hi rikjesta mill-Ligi.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-25 ta' Lulju, 2001, fejn intqal illi l-incident in kwistjoni ma garaxx tort u htija tal-konvenut, izda gara tort u htija ta' Theresa Ann Quinton li habtet mal-bieba tal-vettura ta' l-esponenti meta dina kienet ga miftuha;**

**Illi in vista tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' PC 1511 Kevin Tabone, Theresa Ann Quinton, Vincent Degiorgio, Stephen Degabriele. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li sehhet fit-22 ta' Lulju, 2001, fi Triq it-Trunciera, Bugibba, bejn il-vettura TFC-116 misjuqa minn Theresa Ann**

**Quinton u l-vettura IBE-432 tal-konvenut.**

2. **Il-Konvenut kien parkeggjat fuq in-naha tax-xellug tat-triq, bil-bieba tal-lemin ta' quddiem miftuha. Il-vettura misjuqa minn Quinton giet minn warajh, u laqtitu fil-bieba. Theresa Ann Quinton taqbel li qabel ma waslet fuqu il-bieba kienet ftit miftuha, pero` tghid li kif waslet hdejh, il-konvenut fetah il-bieba kompletament.**

3. **Jirrizulta li fil-hin ta' l-incident, skond ma xehed il-Kuntistabbli PC 151 Kevin tabone, kien hemm vetturi parkeggjati fuq iz-zewg nahat tat-triq, u kien hemm dak li hu jiddeskrivi bhala "heavy traffic flow". Gie nnutat li dak iz-zmien ma kienx hemm linji sofor.**

4. **Skond ir-road accident report esebit, il-konvenut kellu danni fil-bieba tal-lemin ta' quddiem u l-parti ta' quddiem, filwaqt li l-attrici kellha danni fuq il-mudguard tax-xellug ta' quddiem, il-bieba tax-xellug ta' quddiem, il-bonnett, u l-indicator tax-xellug ta' quddiem.**

5. **Jirrizulta li qabel l-incident il-konvenut kien bil-wieqfa wiccu lejn l-attrici, bil-bieba imbexxqa. Skond l-attrici l-konvenut kompla jiftah il-bieba u laqatha. L-istess attrici kienet ratu jiftah il-bieba.**

6. **Skond il-konvenut, siehbu li kien fil-karozza kellu johrog minn naha tieghu. Meta ra lill-attrici gejja jghid li gibed catt mall-vann. Skond il-konvenut il-bieba kellha ftit hsara fix-xifer, u ma tqacctitx. Fir-rigward esebixxa ritratt tal-hsara fil-bieba, Dok.D.**

**7. Skond ix-xhud Stephen Degabriele l-attrici ma waqfitx ma' l-ewwel mal-habta.**

**8. Fil-fehma tat-Tribunal l-incident gara minhabba zewg fatturi, il-fatt li kien hemm il-bieba qed tinfetah, anke jekk b'xi ftit, kif ukoll il-fatt li l-konvenuta, li setghet u kienet qed tara dak li kien hemm quddiema, hadet ir-riskju li tkompli ghaddejja. Id-danni fil-vettura tal-konvenut gew aggravati bil-fatt li din ma waqfitx mal-ewwel, izda kompliet miexja.**

**9. Fic-cirkostanzi it-Tribunal qed jattribwixxi terz biss tar-responsabbilita` lill-konvenut.**

**10. Id-danni kienu jammontaw ghall-mija tnejn u sebghin lira Maltija. Tenut kont li l-konvenut kien responsabbli biss fi grad ta' terz, jigi li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici in linea ta' danni s-somma ta' sebgha u hamsin lira Maltija tlieta u tletin centezmu (Lm57.33).**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni il-konvenut kien jahti biss fi grad ta' terz, it-Tribunal jilqa' it-talba attrici limitatament fl-ammont ta' sebgha u hamsin lira Maltija tlieta u tletin centezmu (Lm57.33) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' sebgha u hamsin lira Maltija tlieta u tletin centezmu (Lm57.33), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mil-lum.**

**In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-terz mill-konvenut u zewg terzi mill-attrici.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**